# QORTI TAL-MAGISTRATI MALTA

**MAGISTRAT**

**DR. MICHAEL MALLIA, LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 22 ta' Ottubru, 2001**

**Numru**

**Avviz numru: 1641/99mm**

**Maltacom p.l.c.**

**vs**

**Jason Attard**

**Il-Qorti,**

Wara li rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta' tliet mija u hamsa u disghin lira Maltin u wiehed u sebghin centezmu (Lm395.71) rapprezentanti ammont dovut in konnessjoni mas-servizz telefoniku bin-numru 343505 liema servizz gie nstallat fil-fond 79,

Triq San Gwann Battista, Sliema, u dana skond ma kif jidher mill-anness 'service agreement' Dok A.

Bl-ispejjez, komprizi dawk tal-prezentata ta' l-Avviz, ta' l-ittra ufficjali tal-10 ta' Awissu, 1998, u tat-taxxa fuq id-drittijiet professjonali u bl-imghaxijiet, kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Wara li rat in-Nota tal-Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi pruvat (Art. 698(2) u 702 Proc. Civili);

Billi ghalkemm notifikat regolarment il-konvenut naqas u ma deherx, la fil-15 ta' Ottubru, 2001, meta gew ipprezentati l-kapitoli u l-anqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Tiddeciedi billi tilqa' t-talba attrici bl-ispejjez kontra l-konvenut.